MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 306/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**
**Vs**

**Michael Sultana**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Marzu, 2004 u fiz-zminijiet precedenti, fuq il-monti tal-Belt u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :**
**a. iffalsikifa jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodotti ta' industrija, jew manifattura, jew**

**xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li jista’ jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-biegh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ music CDs allegatament foloz u dan bi skur tal-Artikolu 298(1)(a)(b)(c) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**b. safa recidiv ghat-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie kkundannat b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, datata 27 ta’ Gunju, 2002.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 298(a)(b)(c) u (f) sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni akkuza w illiberatu minnha izda sabitu hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu erba’ xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9. Ordnat fuq l-iskorta tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 il-konfiska tal-oggetti esebiti w id-distruzzjoni taghhom permezz tar-Registratur ta’ dawn il-Qrati li ghandu mhux aktar tard minn gimgha jippresenta nota dwar id-distruzzjoni taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Novembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni w cioe’ tal-addebitu tar-recidiva, thassaraha, tirrevokaha w tikkancellaha fil-bqija w cioe’ fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu ghal erba’ xhur prigunerija sospizi ghal sena w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’:- li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni jew interpretazzjoni skorretta jew inkompleta tal-Ligi li wassalha biex erronjament issib**

**lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w dan peress li ma rrizultawx l-elementi materjali tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298 (a)(b)( c ) u (f). Dawn l-erba paragrafu tal-art.298, ghalkemm jikkostitwixxu l-istess reat taht forom differenti, ghandhom elementi materjali kostituttivi differenti li ghandhom jirrizultaw ilkoll biex tirrizulta l-htija. F’ dal-kaz ma setghetx tirrizulta htija peress li kien nieqes element wiehed jew aktar mill-elementi kostitutivi tar-reat kif ikkontemplat fid-diversi forom tieghu kif jidher hawn taht :-**

Ghar-rigward tal-paragrafu (a) ma jirrizulta b’ ebda mod u lanqas biss mhu allegat mill-Prosekuzzjoni li l-appellant kien l-awtur ta’ xi falsifikazzjoni jew tibdil fuq xi oggetti ta’ xi isem, marka jew sinjal distintiv. Lanqas ma ma jirrizultaw l-uzu ta’ isem jew marka jew sinjal distintiv ta’ xoghol tal-mohh jew industrija w l-isem jew marka jew sinjal distinitiv ta’ xoghol tal-mohh jew prodott tal-industrija effettivament falsifikati jew mibdula. Hu kien izomm it-tnax il-CD li elevati minn fuq it-tilar biss sabiex idoqq bihom fuq stereo. Dan hu korroborat mill-istess xhieda tal-prosekuzzjoni. Fil-kaz odjern ma kienx effettivament jezisti isem jew marka jew sinjal distintiv ta’ xoghol tal-mohh jew prodott tal-industrija li kien gie falsifikat jew mibdul. Lanqas ma rrizulta li dawn il-marki kienu mxebbha b’ qerq bl-iskop li tqarraq.

**Ghar-rigward tal-paragrafu (b) ma rrizultax li l-appellant kien l-awtur ta’ xi falsifikazzjoni jew tibdil materjali w lanqas ma rrizulta jew allegat l-uzu da parti tal-appellant ta’ xi disinn jew mudell.**

**Li lanqas ma setghet tinstab htija taht il-paragrafu ( c ) peress illi ma rrizulta ebda uzu da parti tal-appellant ta’ marka, sinjal, tabella, jew emblema li fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew inkella li huwa effettivament biegh merkanzija b’ dawn il-mark, sinjali jew emblemi. Quddiem l-Ewwel Qorti ma rrizultax l-ezistenza ta’ xi marka, sinjal jew emblema tkun liema tkun.**

**Ghar-rigward tal-paragrafu (f) hemm in-nuqqas tal-element materjali tar-reat u cioe' dak tal-marka, sinjal jew emblema mxebbha b' qerq u hemm nuqqas ta' prova tal-element li l-appellant qieghed fic-cirkolazzjoni jew biegh merkanzija b' marka, sinjal jew emblema mxebbha b' qerq.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-fatti li taw bidu ghall-kaz in ezami kienu s-segwenti. Fit-28 ta' Marzu, 2004, jum tal-Hadd, l-Ispettur Helga Debono w zewg ufficjali tal-Pulizija ghamlu tfittxija fuq it-tilar li l-appellant kellu armat fuq il-Monti tal-Belt, Valletta. Hemmhekk kienu sabu numru ta' CD's li dehru genwini, pero' minn hdejn l-stereo equipment, li dak il-hin kien qed idoqq, elevaw tnax il-CD li huma deherilhom li kienu kontrafatti. L-appellant gie interrogat mill-istess Spettur u rrilaxxja l-istqarrija tieghu li tinsab a fols. 16 u 17 tal-process. Mill-analisi li saret mill-espert tal-Qorti, Martin Bajada, rrizulta li dawn it-tnax il-CD kienu *"non compliant"* u cioe' kopji, CDR's. L-appellant, fl-istqarrija tieghu, konfermata *in toto* bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti, ddikjara li hu *fixed hawker* wahdu w ibiegh flokkijiet, *jewel boxes* u CD's fuq il-Monti. Ic-CD's ibieghhom LM2 il-wahda. Mistoqsi x' kien qed jaghmel bit-12 il-CD kontrafatti li gew elevati minn fuq l-istand tieghu fit-28 ta' Marzu, 2004, qal li dawk idoqq bihom. Meta gie mistoqsi minn fejn gabhom, wiegeb li *"Gieli jigu xi nies u partatthom ma xoghol li jkolli fuq it-tilar."* Mistoqsi jekk dawn humiex foloz, wiegeb : *"Ma nafx. Jien mhux espert."* Mistoqsi jekk kienx ser ibieghhom minn fuq il-Monti, wiegeb : *"Le. Dawk li ndoqq bihom. Anzi kollha migrufin*." Ghad-domada: *"Nghid sew li inti ma poggejthomx fejn jidhru ghax kont taf li jaghtu fil-ghajn billli huma foloz?*", wiegeb *"Huma kienu fl-stereo …Id-diski li ndoqq ikunu fejn l-***

***stereo bhal ta' kullhadd*.” Mistoqsi jekk jafx li huwa kontra l-ligi li jbiegh oggetti kontrafatti, igifieri foloz, u jekk ghandux permess mis-sidien tal-*copyright* sabiex ibiegh dawn l-oggetti, ghaz-zewg domandi wiegeb *: “Ma nwegibx.”***

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-element tax-xjenza, din kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *“inter alia”* l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.” **[12.5.1994]; “**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi “ **[14.2.1989];** “Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace” **[31.5.1991];** “Il-Pulizija vs. Anthony Zammit” **[31.5.1991];** “Il-Pulizija vs. Keith Rizzo**” [4.9.2003] u ohrajn).**

**Illi din il-Qorti ghamlet l-ezami approfondit tal-provi u ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti meta fl-apprezzament tal-fatti rriteniet li kienet tirrizulta pruvata x-xjenza tal-appellant li c-CD's in kwistjoni kienu kontrafatti w mhux genwini w li fil-fatt dawn ma kienux genwini. Mad-daqqa t' ghajn jidher li l-karta bl-isem tac-CD u xi stampi w *“art***

***work*” li hemm jakkompanjawha hija wahda fqira u li tidher li hi xi fotokopja dghajfa w ta’ kwalita’ inferjuri. Dan kien suppost jaghmilha ovvja ghall-appellant – li jbiegh dawn l-oggetti – li jinduna bla ebda diffikulta’ li l-oggetti ma kienux genwini.**

**Ikkonsidrat;**

**Pero’ l-appellant ghandu aggravji ohra li huma kollha ta’ indoli legali, fis-sens li l-fatti ma jinkwadrawx fil-qafas legali tad-diversi reati kontemplati fid-diversi paragrafi jew sub-subincizi tal-artikolu 298 tal-Kodici Kriminali li gew indikati mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni w li fuqhom instabet htija fis-sentenza appellata.**

**Illi dwar ir-reat kontemplat fil-paragrafu (a), l-appellant gustament jilmenta li la gie pruvat u lanqas biss gie allegat li kien hu li ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew tal-prodott ta’ industrija.**

**Pero’ bl-ebda mod ma jista’ l-appellant jargumenta b’ success – ladarba din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti tirritjeni li l-appellant kien xjenti tal-falsita’ tat-12 ic-CD – li ma kienx qed jaghmel uzu xjentement tal-ismijiet, marki jew sinjali li kien hemm fuq dawn ic-CD’s, sija jekk dawn verament kienu qeghdin hemm ghall-biegh kif ukoll jekk kienu qeghdin hemm biex jindaqqu biss fuq l-stereo tieghu.**

**Illi inoltre din il-Qorti, meta ezaminat ic-CD’s esebiti, sabet li kull wahda minn ghaxra minnhom kienu jinsabu ssigillati f ‘ involukru tac-celophane separat, li kien ghadu intatt u dan jindika li ma kienux intuzaw jew qed jintuzaw mill-appellant biex jindaqqu fuq l-stereo tieghu. Terga’ u tghid tnejn minnhom u cioe’ dawk intitolati ”BEST 11”, kienu duplikati ghall-inqas skond il-karta li hemm maghhom fl-involukru. Dan jindebolixxi s-sottomissjoni tieghu li l-iskop li ghalih kienu hemm dawn ic-CD’s kien verament dak minnu dikjarat. It-tlitt CD’s l-ohra din il-Qorti sabithom tnejn**

**flimkien go involukru simili li pero' kien miftuh – min fethu ezatt ma rrizultax mill-process, ghax il-Pulizija xehdu li huma ma fethuhomx (fol. 13). Ic-CD l-iehor insab sfuz, bla stampa u barra mic-*celophane airtight pack* li kienu fihom l-ohrajn.**

**Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-paragrafu (a) ma hux rikjest bhala element tar-reat li jkun hemm indikjazzjoni li tista' <u>tqarraq lix-xerrej</u> , kif inhu rikjest fil-para. (c) jew li jkunu <u>imxebbhin b' qerq</u> kif inhu rikjest fil-para (f).**

Ghalhekk l-aggravju li jirrigwarda t-tieni tip ta' reat kontemplat fl-art. 298 (1) (a) mhux gustifikat u jirrizulta l-uzu xjenti tal-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati .

**Illi l-aggravju dwar il-paragrafu (b) jidher pero' gustifikat ghaliex zgur ma tirrizultax l-ewwel ipotesi hemm kontemplata u cioe' li kien l-appellant li ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid xi disinji jew mudelli ta' manifattura w lanqas ma tirrizulta l-ipotesi li hu ghamel uzu mill-istess disinji jew mudelli falsifikati, minghajr il-kunsens tas-sid.**

L-aggravju dwar il-paragrafu ( c ) jidher gustifikat biss in kwantu ma rrizultax li l-appellant attwalment u effettivament kien biegh minn dawn ic-CD's b' marki, sinjali jew emblemi li kien fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej. Pero' indubbjament huwa infondat dan l-aggravju fejn jintqal li ma jirrizultax l-uzu xjenti tal-istess marki, sinjali jew emblemi. Ghall-inqas l-10 CD's li instabu fl-involukri ssigillati u li madwarhom kellhom karta jew speci ta' *"loose wrapper*" b' *"art work"* elaborat fuqhom, zgur li kienu kalkolati biex jindikaw li kienu oggett awtentiku, indipendentement mill-fatt jekk din l-indikazzjoni kienx ikollha success jew le ma xi xerrej potenzjali. Ghalhekk l-ewwel ipotesi kontemplata fil-para. ( c ) tal-inciz (1) tirrizulta ampjament pruvata, una volta giet pruvata x-xjenza tal-falz fl-appellant.

**L-aggravju dwar il-paragrafu (f) tas-subiniz (1) ghalkemm jidher fondat biss in kwantu jirriferi ghall-**

**ipotesi li l-appellant biegh ghax ma giex pruvat li lahaq sar xi biegh, ma jidhirx gustifikat ghar-rigward tal-ipotesijiet l-ohra li hu xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni jew zamm ghandu ghall-biegh merkanzija b’ marka sinjal jew emblema imxebbha b’ qerq ghaliex din il-Qorti taqbel ma’ l-Ewwel Qorti li bil-fatt li l-appellant kien pogga CD’s issigillati w b’ marki tar-*wrapper* ikkupjati fuq it-tilar tieghu - sia pure hdejn l-*stereo player* tieghu - dan kien qed ipoggi l-istess fic-cirkolazzjoni w kien qed izommhom ghandu ghall-biegh.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha in kwantu sabet htija tal-ewwel akkuza minghajr ma semmiet u ddistingwiet bejn id-diversi ipotesijiet kontemplati taht il-paragrafi (a) (b) ( c ) u (f) tas-subinciz (1) tal-artikolu 298 u minnflok tiddikjara lill-appellant hati talli:- **(1)** xjentement ghamel uzu minn tnax (12) il-CD b’ ismijiet, marki jew sinjali falsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk min haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid bi ksur tal-art. 298 (1) (a); **(2)** xjentement ghamel uzu ta’ tnax il-CD b’ marki, sinjali, jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrejja dwar ix-xorta tal-merkanzija bi ksur tal-art. 298 (1) (c) u **(3)** xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni jew zamm ghandu ghall-biegh tnax il-CD, b’marka , sinjal jew emblema imxebbhin b’ qerq bi ksur tal-art. 298 (1) (f) tal-Kodici Kriminali w tilliberah mill-imputazzjoni kontemplata fl-artikolu 298 (1) (b) u dawk kontemplati fil-paragrafi (a) (c) u (f) li ma nstabx hati taghhom kif fuq intqal, u tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mill-addebitu tar-recidiva w in kwantu kkunndannatu erba (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 u in kwantu ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti w d-distruzzjoni taghhom permezz tar-Registratur ta’ dawn il-Qrati li ghandu mhux aktar tard minn gimgha mil-lum jipprezenta nota dwar id-distruzzjoni taghhom.

Il-Qorti spjegat lill-appellant ir-responsabbiltajiet tieghu ghab-bazi tal-artikoli 28A u 28B tal-Kodici Kriminali, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 28A (4) tal-Kap.9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------